MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2012

Numru. 918/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Spiridione Zammit**

**vs**

**Christian Grixti**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Christian Grixti ta’ 34 sena bin Carmel u Helen nee’ Lyons imwieled San Giljan fit-12 ta’ Settembru 1975 u residenti 141 St. Joseph Triq Pietru Pawl Caruana, Bormla u detentur tal-karta tal-identita’ numru 435875(M) gew mressqa quddiemha akkuzat talli :

Fi 23 ta' Lulju 2010 ghal habta ta' 7pm u hinijiet wara gewwa Kastell Wine Bar sitwat fi Triq il-Kbira Hal-Tarxien ;

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fuq Mobile tal-ghamla Nokia ghad-dannu ta' Juanita Muscat mill-Gudja liema hsara ma tiskorrix 1164.69 Euros imma izjed minn 116.47 Euros

2. Fl-istess cirkustanzi ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Juanita Muscat mill-Gudja skond kif iccertifika Dr. Martin Mallia Reg No 2299 mic-centru tas-sahha Rahal Gdid.

3. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ghamel lil Juanita Muscat mill-Gudja ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kodici Kriminali, jew jekk kien ipprovokat ingurja b'mod li hareg aktar milli jmissu.

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes , ghajjat jew b'mod iehor.

5. Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Juanita Muscat mill-Gudja u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 6 ta' Settembru, 2010 (esebit *a folio* 5 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-7 t'April, 2011 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw argument li nqala’ fuq il-post tax-xoghol bejn zewg haddiema li kienu jahdmu fl-istess stabbiliment, u cioe’ l-imputat Christian Grixti li kien impjegat bhala l-manager fil-kcina tal-istabbiliment Kastell Wine Bar sitwat fi Triq il-Kbira, Hal-Tarxien u l-parti civili Juanita Muscat li kienet impjegata bhala bar and services manager. Dan l-incident inqala’ fit-23 ta’ Lulju 2010 ghall-habta tas-7.00pm u Juanita Muscat sofriet griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna taghha skond ma ccertifika Dr. Martin Mallia li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-1 ta’ Dicembru 2011 fejn ikkonferma l-kontenut tac-certifikat mediku nserit a fol. 23 tal-atti processwali, u giet kagunata hsara fil-mobile phone propjeta’ tal-istess Juanita Muscat fejn dan l-istess mobile phone gie mitfugh mal-art u nkiser.

Ikkunsidrat:

Illi f’dawn il-proceduri l-Qorti tinsab rinfaccjata b’zewg verzjonijiet tal-fatti pjuttost kunfliggenti dwar kif bdew u sussegwentement zvolgew l-affarijiet. Il-parti civili Juanita Muscat li xehdet f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-17 ta’ Gunju 2011 qalet illi dakinhar hija kienet dahlet ghax-xoghol ghall-habta tas-7.00pm u waqt li kienet qed tistokkja l-bar ma’ certu Graziella Bonnici mar fuqha l-imputat u nsista li persuna mill-istaff taghha tmur iggiblu xi bicciet mill-gnien u huwa beda’ jgholli lehnu. Muscat tghid li Graziella Bonnici ghalkemm kellhom hafna x’jaghmlu u sabiex ma taqlax inkwiet marret iggib dawn il-bicciet u sadanittant l-imputat imblokka l-passagg tal-bar sabiex ma jhallix lil Muscat tohrog minn wara l-bar u meta hija resqet lura huwa beda’ jghajjarha li mhux qed taghmel xogholha sew u li kienet qed taghmillu l-bsaten fir-roti. Hija tghid ukoll li l-imputat beda’ jghajjarha b’huha li huwa autistic u beda’ jghajjat li hija kienet tatu daqqa ta’ sieq fil-parti privata tieghu meta ma kienx minnu u mbaghad dahal lura fil-kcina. Juanita Muscat kompliet tghid li hija fil-pront cemplet lill-employer taghha minn fuq il-mobile phone taghha sabiex tinfurmah dwar dak li kien gara u sabiex tghidlu li hija ma kinitx lesta li tkompli tahdem mal-imputat

b’dawn il-kundizzjonijiet u meta l-employer talabha sabiex tghaddi l-mobile phone taghha lill-imputat sabiex huwa jkellmu hija dahlet fil-kcina fejn ghaddiet it-telephone taghha lill-imputat u meta dan tal-ahhar hareg fil-bitha bit-telephone hija harget warajh sabiex malli jlesti mit-telefonata tiehu l-mobile u titlaq lejn id-dar. Hija tghid li meta l-imputat raha hierga warajh qabad u qata’ mit-telefonata mal-employer u rega’ beda’ jghajjarha b’huha u mbaghad qabad it-telephone u sabtu mal-art u taha daqtejn ta’ ponn f’wiccha. Hija tghid li l-mobile inkiser u hija hallietu hemm mal-art u telqet u mbaghad marret l-Ghassa taghmel rapport u l-policlinic.
Ikkunsidrat:

Illi l-imputat kemm meta xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-2 ta’ Frar 2012 kif ukoll meta rrilaxxja l-istqarrija nserita a fol. 18 u 19 tal-atti processwali sostna li fil-gurnata in dizamina l-parti civili Juanita Muscat kienet ilha minn filghodu ma taghmilx xogholha sew u thalli l-post mahmug u huwa jsostni li meta hija rritornat lura ghax-xoghol ghall-habta tas-7.30pm u huwa beda’ jgergrilha dwar il-hmieg li kien hemm fil-wine bar hija bdiet tirrispondih b’ton sarkastiku u tghidlu ‘iva sur direttur’ u meta huwa beda’ jghajjat maghha u jghidilha li ma setghux ikomplu mexjin b’dan il-mod hija poggiet idejha ma wiccu u bdiet tipprovokah u tghidlu sabiex imur fil-kcina u huwa ghalhekk qalilha il-kliem ‘inti mhux huk bahnan ghandek imma int’ u hija mbaghad ghamlet wiccha ma wiccu u tatu daqqa ta’ sieq fil-parti privata tieghu u huwa mbaghad taha daqqa ta’ harta f’wiccha u meta hija harget twerzaq fil-bitha huwa mar lura fil-kcina. L-imputat ikompli jghid li wara ftit tal-hin li huwa kien irritorna fil-kcina dahlet Juanita Muscat u poggietlu l-mobile phone ma widnejh u qaltlu li kien hemm il-proprjetarju tal-post li xtaq ikellmu. Huwa jsostni li hareg barra fil-bitha sabiex ikellem lill-employer tieghu bil-kwiet u jispjegalu x’gara u Muscat harget warajh u bdiet tghajjat u twerzaq u tatu daqqa ta’ harta u huwa ghalhekk taha daqqa ta’ harta lura u sabiex jehles minnha waddab il-mobile phone taghha mal-art.

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti pjuttost kunfliggenti xorta wahda jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mil-ligi. Dan jinghad ghaliex din il-qorti li kellha l-opportunita' tisma' kemm lil parti civili Juanita Muscat kif ukoll lill-istess imputat jixhdu viva voce quddiemha jidrilha li l-verzjoni tal-fatti moghtija minn Juanita Muscat hija dik veritjiera u m'ghandha l-ebda dubju dwar il-kredibila ta' din ix-xhud. Il-Qorti izda zzid tghid li anki jekk ghall-grazzja tal-argument biss wiehed kellu jaccetta l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat xorta wahda jista' jitqies li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu jirrizultaw pruvati. Dan jinghad ghas-semplici raguni li huwa jammetti kemm li ta daqqiet ta' harta lil Muscat izda aktar u aktar li waddab il-mobile taghha mal-art. Il-Qorti jidrilha li d-difiza tal-provokazzjoni m'hijiex sostenibbli ghaliex bejn il-mument li l-imputat jallega li huwa qala' d-daqqa ta' sieq minghand Muscat sal-mument li huwa ghazel li jsabbat u jkisser il-mobile phone taghha ghadda certu hin u ghalhekk l-imputat ma jistghax jipprova jiggustifika l-agir tieghu meta kisser il-mobile u jghid li ghamel hekk minhabba l-provokazzjoni li jallega li saret fil-mument li Muscat tatu d-daqqa ta' sieq.

Ikkunsidrat:

Illi d-Difiza qed issostni li l-valur tal-hsara ma gietx pruvata stante li ma ngabx il-valur tal-mobile phone fil-mument li giet kagunata l-hsara izda l-valur tal-istess mobile meta nxtara, u cioe' sena qabel l-incident. Il-Qorti jidrilha li tali prova hija sufficjenti sabiex jigi determinat il-valur tal-hsara.

Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfonti tal-imputat u huwa sejjer ghalhekk jinstab hati tal-istess imputazzjonijiet.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali relattivament netta kif ukoll il-fatt li llum il-gurnata ma ghadx hemm kuntatt bejn l-imputat u l-parti civili stante li dawn m'ghadhomx jahdmu flimkien u l-anqas jiltaqghu u ghalhekk jidrilha li fic-

cirkostanzi ghandha timponi l-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kundizzjoni li l-imputat ihallas lura lill-parti civili l-valur tal-mobile phone miksur.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 325(1)(b), 221(1), 338(m), u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tmintax(18)-il xahar millum u bil-kundizzjoni li sa zmien tlett (3) xhur millum ihallas lil Juanita Muscat is-somma ta' mitejn u disgha u hamsin Ewro (€259).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------